MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-14 ta' Settembru, 2022

Appell Inferjuri Numru 122/2021LM

**Elton John Debono (K.I. nru. 418378(M))**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Oiltanking Malta Limited (C 11026)**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Oiltanking Malta Limited (C 11026)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] mid-deċiżjoni [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fis-26 ta' Ottubru, 2021, fil-Kwistjoni tax-

Xogħol nru. 3561/HW, fejn filwaqt li ddeċieda li t-terminazzjoni min-naħa tagħha tal-impjieg tar-rikorrent **Elton John Debono (K.I. nru. 418378(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'] kienet inġusta, ordna lill-imsemmija soċjetà appellanta tħallas kumpens lill-appellat fis-somma ta' €21,000 fi żmien ħmistax-il jum mid-data ta' dik id-deċiżjoni.

## Fatti

2. Il-fatti ta' din il-kawża jirrigwardaw l-allegazzjoni magħmula mir-rikorrent ta' tkeċċija nġusta mix-xogħol tiegħu minn mas-soċjetà appellata ma' min huwa kien impjegat bħala *operator* fl-1 ta' Novembru, 2006 fuq bażi *full-time.* Wara proċedura dixxiplinarja, fejn ġie mixli mis-soċjetà appellanta b'insubbordinazzjoni, negliġenza grossa, nuqqas ta' ottemporanza ma' *policies* ta' sigurtà u theddid tax-*shift leader* tiegħu, l-impjieg tiegħu magħha ġie terminat għall-imsemmija raġunijiet permezz ta' ittra tal-11 ta' Mejju, 2017.

## Mertu

3. L-appellant għalhekk istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fit-22 ta' Ġunju, 2017 fejn talab l-imsemmi Tribunal sabiex

> *"...jiddikjara u jiddeċiedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu minn mas-soċjetà intimata, kienet waħda inġusta u jogħġbu jagħti l-provvedimenti kollha opportuni f'dan ir-rigward* ai termini *tal-Artikolu 81 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta inkluż li r-rikorrent jiġi ri-integrat f'xogħolu u jitħallas kumpens ġust".*

4. Is-soċjetà appellata wieġbet fis-7 ta' Settembru, 2017 fejn talbet sabiex it-Tribunal jirrespinġi l-pretensjonijiet kollha tal-appellat, filwaqt li jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu kienet waħda ġusta u skont il-liġi, tant li huwa ma kellu l-ebda dritt għal kumpens.

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

5. Dawn huma l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wasluh għad-deċiżjoni tiegħu:

> *"It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar dan il-każ inkwestjoni u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa li x-shift leader kien korrett u kellu dritt li jiġbed l-attenzjoni tar-rikorrenti li ma kellux jagħmel il-patrol bil-vann.*
>
> *F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijal jikkunsidra wkoll, l-argument u l-battibekki li seħħew fil-*control room *bejn ir-rikorrent u x-shift leader. L-argument bażikament kien, li x-shift leader jgħid li r-rikorrent li ma segwix l-istruzzjonijiet tiegħu għax niżel jagħmel il-patrol bil-vann u min-naħa tar-rikorrent jirrispondi li kien obda l-istruzzjonijiet tax-shift leader għax hu kien qallu biex ma jinżilx bil-vann l-aħmar u li kien niżel bil-vann l-ieħor u ma kien għamel xejn ħażin għax meta ma jkunx hemm vapuri fuq il-moll kienu jinżlu jagħmlu l-patrol b'dan il-vann.*
>
> *Dwar dan l-aspett it-Tribunal Industrijali jinnota li għalkemm ir-regolamenti tal-kumpannija jgħidu li l-patrol kellha ssir bir-rota jew bil-mixi però mill-provi li dehru quddiem it-Tribunal Industrijali ndikaw li meta ma jkunx hemm vapuri fuq il-moll kienu jsiru patrols b'dan il-vann li niżel bih ir-rikorrent fuq il-moll.*
>
> *Rigward dan l-argument it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li min hu midħla u ntiż fid-dinja tax-xogħol dawn huma tip ta' argumenti u battibekki li għalkemm ma jseħħux ta' kuljum fuq il-post tax-xogħol imma huma argumenti li ġieli jinqalgħu u jieqfu hemm jew jekk ikun il-każ jiskatta proċess ta' dixxiplina fejn l-partijiet ikollhom l-opportunità li jgħidu l-verżjoni tagħhom.*
>
> *Imma l-punt li l-aktar li hu kkonċernat bih it-Tribunal Industrijali huwa ta' kif żvolga l-każ fejn ir-rikorrenti segwa lix-xhift leader barra l-post tax-xogħol u għaldaqstant,*

*f'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali huwa obbligat mhux biss li jħares lejn l-inċident imma huwa obbligat ukoll li jħares lejn il-kwadru kollu tal-każ.*

*F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra x-xhieda tar-rikorrenti li jgħid, li stieden lix-xhift leader biex jitkellmu barra l-post tax-xogħol għar-raġuni, li matul l-argument li kellhom ix-shift leader beda jagħmilha bi kbira ż-żejjed u beda qiesu juża l-awtorità tal-management b'mod eċċessiv, huwa jgħid ukoll li peress li kien ilu jaħdem max-shift leader ħdax il-sena, fejn meta jkunu barra l-post tax-xogħol jirraġuna b'mod u meta jkunu fuq il-post tax-xogħol ix-shift leader jbiddel il-karattru tiegħu u kien għalhekk li stiednu biex jitkellmu barra l-post tax-xogħol.*

*Meta t-Tribunal Industrijali jikkunsidra dan l-aspett ta' raġunar minn naħa tar-rikorrent jista' jagħti l-każ li hemm ċerta validità fir-raġunar tiegħu għar-raġuni, li kif jirriżulta mill-provi l-atteġġjament tax-shift leader mal-ħaddiema ma kienx wieħed korrett fuq il-post tax-xogħol.*

*Quddiem it-Tribunal Industrijali tresqu xhieda fejn irreferew għal każijiet li jesponu l-attitudni negattiva tax-shift leader fejn huwa kien jippromessa l-leave lil ħaddiem imbghad jagħti l-leave lil ħaddiem ieħor, kien jibgħat lill ħaddiema jaħdmu fl-eqqel tax-xemx meta dak ix-xogħol seta' jsir f'ħinijiet oħra ta' anqas strapazz, kien jaħbi l-għodda lil ħaddiema biex boltijiet kbar li setgħu jinqalgħu faċilment b'makkinarju, il-ħaddiema kien jbatu għax kellhom jaqilgħu dawk il-bolts b'idejhom, kien jaqla' argumenti mal-ħaddiema waqt li jkunu qed iwettqu xogħol sensittiv biex jisturmentahhom u kif jirriżulta mill-provi l-atteġġjament tax-shift leader mal-ħaddiema ma kienx wieħed ta' koperazzjoni tant li l-ħaddiema kollha għamlu petizzjoni sabiex ma jibqgħux jaħdmu ma dan ix-shift leader.*

*F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li l-każijiet imsemmija waqt ix-xhieda ġew konvalidati permezz li l-management ħareġ twissija lix-shift leader dwar l-attitudni u l-imġiba tiegħu mal-ħaddiema.*

*Meta dan it-Tribunal Industrijali jeżamina dawn l-aspetti kollha tal-każ huwa tal-fehma, li probabilment l-argument tar-rikorrent li stieden lix-shift leader biex jiddiskutu barra l-post tax-xogħol kien ikkundizzjonijiet mill-aspett psikoloġiku tal-każijiet imsemmija hawn fuq, li jekk jitkellmu l-każ barra l-post tax-xogħol ix-shift leader seta' jirraġuna aħjar u ma jużax l-attitudni negattiva li kien juża fuq il-post tax-xogħol.*

*Infatti t-Tribunal Industrijali minn kif jirriżultalu mill-provi, għalkemm ir-rikorrent stenna lix-shift leader barra l-post tax-xogħol u segwih bil-karozza u anke meta x-shift leader waqaf bil-karozza u ġie avviċnat mir-rikorrent ma jirriżultax li kien hemm xi atti ta' vjolenza fiżika.*

*Għaldaqstant, meta t-Tribunal Industrijali iħares lejn il-kwadru kollu tal-każ huwa tal-fehma, li l-inċident bejn ix-shift leader u r-rikorrent ma tistax tiżolah bħala nċident għalih iżda għandu jittieħed ukoll fil-kuntest tar-relazzjonijiet li kien hemm bejn ix-shift leader u l-ħaddiema li ċertament ma kienitx relazzjoni ta' armonija.*

*It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li bl-attitudni tax-shift leader ħoloq ambjent ostili fuq il-post tax-xogħol, u nvista ta' dan it-Tribunal Industrijali jagħti l-benefiċċju tad-dubju li l-istedina li għamel ir-rikorrent lix-shift leader li jitkellmu barra l-post tax-xogħol, għalkemm din l-istedina ma kienitx korretta għar-raġuni li l-problemi tal-post tax-xogħol għandhom jiġu diskussi u solvuti fuq il-post tax-xogħol u mhux barra l-post tax-xogħol imma t-Tribunal Industrijali jieħu rikonsiderazzjoni li din l-istedina kienet ikkundizzjonata mill-aspett psikoloġiku ta' perċezzjoni li barra l-post tax-xogħol seta' jsir raġunar aħjar u r-rikorrenti ma kellux l-intenzjoni li juża vjolenza fiżika kif fil-fatt ma jirriżultax li kien hemm.*

*F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali iħoss, li għandu jikkummenta dwar ir-relazzjonijiet fuq il-post tax-xogħol u huwa tal-fehma li inutli li organizzazzjonijiet tal-management jippromovu biex il-ħaddiema jiġu mogħtija korsijiet fuq* team work*, l-importanza mhux biss ta'* extrinsic rewards *imma aktar importanti l-*intrinsic rewards *sabiex il-ħaddiem ikun leali lejn il-kumpannija meta mbgħad ikollok din it-tip ta' sitwazzjoni fejn membru tal-management li suppost jiffaċilita x-xogħol lill ħaddiema qed jagħmel il-ħajja tax-xogħol diffiċli.*

*F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li fl-istqarrija tal-każ il-management jagħmel riferenza fejn jindika li għalkemm ma kienx hemm kuntatt fiżiku bejn ir-rikorrent u x-shift leader però l-passi dixxiplinarji huma meritati peress li kien hemm vjolenza psikoloġika li x-shift leader ġie segwit mir-rikorrent.*

*Meta t-Tribunal Industrijali jieħu inkonsiderazzjoni dan l-aspett huwa tal-fehma wkoll, li għalkemm jiddeplora l-atteġġjament tar-rikorrent li stenna u segwa lix-shift leader barra l-post tax-xogħol għax problemi tax-xogħol ghandhom jibqgħu u jiġu diskussi biss fuq il-post tax-xogħol u għalhekk dan l-atteġġjament tar-rikorrenti kien jimmerita li jittieħdu passi dixxiplinarji fil-konfront tiegħu però, t-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma wkoll, li l-management kellu jieħu wkoll inkonsiderazzjoni fid-deċiżjoni tal-piena ta' dixxiplina l-aspett li l-mod kif aġixxa r-rikorrent kien kundizzjonat mill-aspett psikoloġiku ta' kif ix-shift leader kien jaġixxi mal-ħaddiema.*

*F'dawn il-kunsiderazzjonijiet għalkemm it-Tribunal Industrijali jirrikonoxxi li kien hemm każ ta' dixxiplina fil-konfront tar-rikorrent però l-management fil-kunsiderazzjonijiet tiegħu kellu jieħu wkoll inkonsiderazzjoni l-aspett kollu tal-każ inkluż l-atteġġjament tax-shift leader mal-ħaddiema li bl-atittudni tiegħu kien qed*

*joħloq ambjent tax-xogħol ostili u b'liema atteġġjament tax-shift leader kien qed joħloq konflitt fir-relazzjonijiet tax-xogħol bejnu u l-kumplament tal-ħaddiema.*

*Invista ta' dawn iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, it-Tribunal Industrijali jasal għal konkluzjoni li filwaqt li kien jimmerita li jittieħdu passi dixxiplinarji fil-konfront tar-rikorrenti però t-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li meta jiġi kkunsidrat il-każ kollu d-deċiżjoni ta' terminazzjoni ta' impjieg kienet waħda ħarxa u l-management seta' jieħu passi dixxiplinarji oħra minflok terminazzjoni tal-impieg u għaldaqstant t-Tribunal Industrijali jiddeċiedi li t-terminazzjoni tal-impieg kienet inġusta.*

*F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra t-talba tar-rikorrent għal kumpens, fejn jiddikjara li kien mingħajr xogħol bejn 12 ta' Mejju, 2017 u 31 ta' Lulju, 2017 u tilef introjtu ta' tliet xhur u nofs li jammontaw għal €5,628.55.*

*Huwa jgħid ukoll, li sab impjieg mill-1 ta' Awwissu, 2017 u matul dan iż-żmien ħadem ma' kumpanniji oħra imma bi dħul anqas milli kellu mas-soċjetà ntimata u meta jikkalkula l-introjtu li tilef sal-età ta' 65 sena li hija l-età tal-irtirar huwa talab kumpens ta' €275,704.63.*

*Fid-dikjarazzjoni tiegħu huwa jgħid, li għandhom jittieħdu wkoll inkonsiderazzjoni li t-tkeċċija mill-impjieg tiegħu kellha riperkussjonijiet li jmorru oltre mill-paga li kif jirriżulta miċ-ċertifikat mediku ta' Dr Mark Xuereb it-tkeċċija nġusta kellha riperkussjonijiet ukoll fuq ħajtu u għallhekk it-Tribunal Industrijali għandu wkoll jagħti kumpens għat-tkeċċija nġusta tiegħu.*

*Mill-provi jirriżulta li skont l-FS3 tar-rikorrenti għas-sena 2016 il-paga bażika tiegħu kienet €355 fil-gimgħa li tammonta għal €18,460 fis-sena għaldaqstant, meta r-rikorrenti kien qed jikkwota d-dħul tiegħu li jammonta għal €27,017 din kienet tinkludi l-paga bażika u* allowances. *Mill-provi jirriżullta wkoll, li r-rikorrenti bejn 29 ta' Mejju, 2017 sal-4 ta' Lulju, 2017 huwa kien impjegat ma' MET ROAD ASSISTANCE Ltd.*

*F'dawn il-kunsiderazzjonijiet meta it-Tribunal Industrijali eżamina t-talba tar-rikorrent jirriżultalu, li r-rikorrent qed jassumi li hu kellu xi garanzija ta' impieg mas-soċjetà sa l-età tal-irtirar u għalhekk qed jippretendi li jingħata kumpens sa l-età ta' l-irtirar.*

*Meta t-Tribunal Industrijali jikkunsidra t-talba tar-rikorrenti u jeżamina l-provi li dehru quddiemu, t-Tribunal Industrijali ma jirriżultalux li qatt kien hemmxi garanzija mis-socċjetà li kienet se żżomm fl-impieg lir-rikorrenti sa l-età tal-irtirar kif ukoll, lanqas ir-rikorrenti qatt ma ta xi garanzija lis-soċjetà li hu kien se jibqa' fl-impieg magħha sa l-età tal-irtirar.*

*It-Tribunal Industrijal jikkunsidra wkoll, li fid-dinja kompetittiva tax-xogħol lanqas l-istess soċjetà m'għandha xi garanzija li se tibqa' topera jew li se żżomm l-istess numru ta' ħaddiema għal dan it-tul ta' żmien kollu, invista ta' dan it-Tribunal Industrijali ma jilqax it-talba tar-rikorrenti li jiġi kkumpensat sa l-età tal-irtirar.*

*It-Tribunal Industrijali lanqas ma jilqa' t-talba tar-rikorrenti li jiġi kkumpensat bid-differenza fil-paga u dħul ieħor li kellu mas-soċjetà ntimata u dan għar-raġunijiet diġà msemmija hawn fuq li ma kienet teżisti l-ebda garanzija ta' impjieg kif ukoll, li l-paga li kellu mas-soċjetajiet li ħadem magħhom u ma' dik li qed jaħdem magħha llum huma skont id-dmirijiet, ir-responsabilijiet u l-kundizzjonijiet tax-xogħol li ħadem fihom u li qed jaħdem fihom illum."*

## <u>L-Appell</u>

6. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fit-8 ta' Novembru, 2021 fejn qed titlob lil din il-Qorti sabiex:

*"(i) Dina l-Onorabbli Qorti tilqa' l-appell tagħha, u tvarja d-Deċiżjoni tat-Tribunal billi issib illi kien hemm raġuni valida u biżżejjed għat-tkeċċija skont l-Artikolu 36(14) tal-Kap 452 u li ma kienx hemm tkeċċija inġusta;*

*(ii) tikkonferma illi ma hemmx lok għal likwidazzjoni jew ħlas ta' danni lir-rikorrent appellat;*

*(iii) b'dan illi f'każ illi dina l-Onorabbli Qorti ssib illi ma kienx hemm raġuni tajba u biżżejjed għat-tkeċċija, tvarja l-ammont ta' kumpens illi għandha tħallas is-soċjetà appellanti għal ammont raġunat u proporzjonat għaċ-ċirkostanzi tal-każ, ossia ammont ferm inqas minn dak ordnat mit-Tribunal u semmai kumpens li jieħu in konsiderazzjoni illi (i) l-appellat kellu tort sostanzjali għat-tkeċċija fis-sens li kiser il-proċedura u aġixxa b'imġiba abbużiva vjolenti u hedded aktar vjolenza kontra s-superjur tiegħu li kien ħareġ ordni leġittima u (ii) li l-appellat kien għamel inqas minn xahar mingħajr impjieg wara li tkeċċa.*

*A skans ta' ripetizzjoni ta' provi s-soċjetà appellanti qiegħda tagħmel riferenza għall-provi kollha li jinsabu fil-proċess quddiem it-Tribunal Industrijali u qiegħda titlob l-allegazzjoni tagħhom mal-preżenti proċeduri."*

## Ir-Risposta

7. L-appellat wieġeb fis-7 ta' Frar, 2022 fejn issottometta li d-deċiżjoni appellata hija waħda ġusta u għalhekk timmerita konferma minn din il-Qorti, imma dan filwaqt li sostna li l-Qorti hija prekluża milli tieħu konjizzjoni tal-appell odjern a tenur tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452, li jirrikjedi li kull appell minn deċiżjoni marbuta ma' tkeċċija nġusta, jista' jsir biss fuq punt ta' liġi.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex qabel xejn tikkonsidra s-sottomissjoni preliminari tal-appellat, jiġifieri li l-appell odjern huwa null stante li ma jottemporax ruħu mad-disposizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452. Il-Qorti tirrileva li dan is-subrtikolu jitlob li appell minn sentenza tat-Tribunal għandu jsir biss fuq punt ta' liġi, u dan fiċ-ċirkostanzi hemm imfissra, fosthom fejn il-każ jirrigwarda l-allegata tkeċċija mingħajr kawża ġusta. Meħud in konsiderazzjoni li t-talba tal-appellant lit-Tribunal kienet proprju għal dikjarazzjoni li huwa tkeċċa mingħajr kawża ġusta, din il-Qorti tgħid li l-appell odjern jista' jkun permess biss jekk jaqa' fil-parametri stabbiliti mis-subartikolu ċitat, u għalhekk ser tgħaddi sabiex tinvestiga jekk is-soċjetà appellanta ottemporatx ruħha mas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452.

9. Is-soċjetà appellanta tgħid li l-ewwel aggravju tagħha huwa li t-Tribunal naqas li jikkunsidra l-provi kollha mressqa quddiemu, u li dan jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju *audi alteram parte,* li huwa marbut mal-kunċett tad-dritt għal smigħ xieraq. Iżda wara li qrat l-argumenti tas-soċjetà appellanta miġjuba in

sostenn ta’ dan l-ewwel aggravju tagħha, il-Qorti ssib li dan l-aggravju bl-ebda mod ma jista’ jitqies li jolqot punt ta’ liġi. Tgħid li s-soċjetà appellanta saħansitra tintilef fid-difiża tal-pożizzjoni tagħha dwar diversi nċidenti li seħħew, iżda dejjem jibqa’ l-fatt li s-sottomissjonijiet tagħha jittrattaw il-mertu fejn it-Tribunal kellu d-diskrezzjoni kollha li jagħżel li jiskarta prova favur oħra. Hija tippretendi li hawn it-Tribunal kien tenut jagħti r-raġuni tiegħu f’kull każ fejn mexa b’dan il-mod, iżda din il-Qorti ma tarax in-neċessità assoluta sakemm il-prova ma tkunx waħda li xxeqleb il-miżien lejn naħa kontra l-oħra, kif fil-fehma tagħha ma jirriżultax fil-każ odjern. Il-Qorti tqis li huwa ċar mid-disposizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452 li l-evalwazzjoni tal-provi ġiet imħollija mil-leġislatur għal kollox f’idejn it-Tribunal. Għaldaqstant ċertament dan l-aggravju ma jistax jiġi kkunsidrat li jolqot punt ta’ liġi.

10. It-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta huwa li t-Tribunal m’għamilx interpretazzjoni tajba tat-terminu ‘raġuni tajba u biżżejjed’ skont is-subartikolu 36(14) tal-Kap. 452, iżda partikolarment fid-dawl tal-ftehim kollettiv u l-insenjament tat-Tribunal stess. Madankollu l-argumenti li jsegwu huma għal darb’oħra argumenti fil-mertu, fejn hija qegħda ssostni l-pożizzjoni tagħha in sostenn tar-raġuni għat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat kontra l-interpretazzjoni tal-fatti kif magħmula mit-Tribunal. Għalhekk dan l-aggravju wkoll ma jolqot l-ebda punt ta’ liġi.

11. It-tielet aggravju li tressaq is-soċjetà appellanta huwa li hija ma taqbilx mad-deċiżjoni appellata fejn it-Tribunal mingħajr spjegazzjoni ta’ xejn illikwida kumpens ta’ €21,000, liema kumpens jirrappreżenta erbatax-il xahar paga li kellu l-imsemmi appellat meta kien għadu fl-impjieg magħha. Tikkontendi li l-

ilment tagħha jirrigwarda punt ta' liġi għaliex jolqot kemm il-kwistjoni ta' smigħ xieraq u anki l-applikazzjoni korretta tal-para. (a) tas-subartikolu 81(2) tal-Kap. 452. Dan kollu tgħid li huwa bla preġudizzju għall-kontenzjoni tagħha li l-ebda kumpens m'huwa dovut lill-appellat. Il-Qorti ma taqbilx li t-Tribunal ma offra l-ebda spjegazzjoni ta' kif huwa wassal sabiex illikwida kumpens ta' €21,000, għaliex jirriżulta mid-deċiżjoni appellata tiegħu li huwa ħa in konsiderazzjoni u straħ fuq is-segwenti: (a) id-dħul sħiħ tal-appellat, jiġifieri l-paga bażika u *allowances*; (b) il-fatt li huwa kien mingħajr xogħol mit-12 ta' Mejju, 2017 sal-31 ta' Lulju, 2017; u (ċ) ir-riperkussjonijiet tat-tkeċċija fuq is-saħħa u l-ħajja tal-appellat kif ikkonfermati permezz taċ-ċertifikat mediku tat-Tabib Mark Xuereb. Dan minbarra li huwa kellu wkoll il-fatti l-oħra kollha quddiemu rigwardanti ċ-ċirkostanzi li fihom tkeċċa l-appellat minn mas-soċjetà appellanta, liema ċirkostanzi huwa għandu diskrezzjoni assoluta fl-interpretazzjoni tagħhom mingħajr l-indħil ta' din il-Qorti, għajr fil-parametri stabbiliti mil-liġi. Għaldaqstant il-Qorti tikkonsidra li dan l-aggravju wkoll ma jittratta l-ebda punt ta' liġi.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti filwaqt li tiddikjara li l-appell tas-soċjetà appellanta bħala wieħed irritu u null, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal jibqgħu kif deċiżi, u dawk tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**